



2017/2186(DEC)

21.2.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta
Shift2Rail (S2R JU) għas-sena finanzjarja 2016
(2017/2186(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Markus Ferber

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-fatt li l-Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R JU) kisbet l-awtonomija finanzjarja tagħha f'Mejju 2016 u kompliet bl-ikkonsolidar tal-istruttura tagħha sabiex tiżgura l-ġestjoni soda, il-legalità u r-regolarità fl-eżekuzzjoni tal-Programm;
2. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri sabet li t-tranżazzjonijiet sottostanti tal-kontijiet tal-S2R JU għas-sena finanzjarja 2016 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
3. Jinnota li l-baġit annwali tal-S2R JU għall-2016 kien ta' EUR 50,2 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' EUR 52,3 f'approprjazzjonijiet ta' pagament, li minnhom EUR 44,1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 47,2 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament kienu għan-nefqa operattiva, EUR 3,3 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 3,5 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament kienu għan-nefqa fuq il-persunal u l-amministrazzjoni u EUR 2,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 1,7 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament kienu għal approprjazzjonijiet mhux użati u mhux meħtieġa fis-sena finanzjarja;
4. Jinnota li fl-2016, in-nefqa operattiva (Titolu 3) kienet tirrappreżenta 87,8 % tal-baġit ġenerali tal-S2R JU, inklużi l-approprjazzjonijiet mhux użati previsti li ma kinux meħtieġa fis-sena finanzjarja (Titolu 4); jinnota wkoll li għall-baġit operattiv, l-S2R JU kisbet rata ta' implimentazzjoni ta' 100 % ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u rata ta' 86,6 % ta' approprjazzjonijiet ta' pagament; jinnota li l-approprjazzjonijiet ta' pagament intużaw għall-prefinanzjament tal-għotjiet li rriżultaw mis-sejħiet għal proposti tal-2015 u tal-2016;
5. Jiddispjaċih li fl-2016, l-approprjazzjonijiet tad-dħul mid-dsatax-il membru assoċjat ("Membri Oħra") ammontaw biss għal EUR 2,53 miljun minn total ta' EUR 52,32 miljun; jiddispjaċih ukoll li l-istima ta' kontribuzzjonijiet in natura minn Membri Oħra għajr l-Unjoni għal attivitajiet operattivi kienu limitati għal EUR 4,5 miljun, li minnhom EUR 3 miljun kienu ġew iċċertifikati; ifakkar li r-Regolament S2R JU¹ jistabbilixxi li l-kontribuzzjoni totali għall-attivitajiet operattivi li għandha tiġi pprovduta minn Membri Oħra, b'ammont totali ta' EUR 470 miljun, għandha tikkonsisti f'minn tal-inqas EUR 350 miljun f'kontribuzzjonijiet in natura u f'kontribuzzjonijiet fi flus, li jinkludu EUR 200 miljun mill-membri fundaturi għajr l-Unjoni; jinnota li, minn EUR 120 miljun ta' kontribuzzjonijiet mill-membri tal-industrija li għandhom isiru għal attivitajiet addizzjonali, il-membri rrapportaw EUR 55 miljun (45,8 %) sa tmiem l-2016, li minnhom EUR 35,2 miljun kienu ġew iċċertifikati;
6. Jinnota li fl-2016, l-S2R JU ffirmit 27 ftehim ta' għotja li rriżultaw mis-sejħiet tal-2015 u tal-2016, u li l-valur tal-attivitajiet għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (R&I) ta' dawk is-

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail, ĠU L 177, 17.6.2014, p. 9.

sejhiert ammontaw għal EUR 167,3 miljun, li għandhom jiġu kofinanzjati mill-S2R JU sa massimu ta' EUR 79,1 miljun;

7. Jinnota li l-S2R JU stabilixxiet politika dwar l-immaniġġjar tar-riskju, iżda għadha ma wettqitx valutazzjoni speċifika kontra l-frodi, u lanqas ma stabbilixxiet pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-istrateġija kontra l-frodi tagħha stess; jinnota wkoll li, peress li fl-2016 tħallas biss il-prefinanzjament tal-proġetti, ma twettaq l-ebda kontroll *ex post*; iħeġġeġ lill-S2R JU tadotta malajr kemm jista' jkun, strateġija ta' kontroll *ex post*; jitlob lill-S2R JU tipprovdi dettalji dwar is-sistema għall-immaniġġjar tar-riskju, u b'mod partikolari dwar kif għandhom jiġu evitati l-kunflitti ta' interess;
8. Jinsab imħasseb li fil-proċedura tagħha għas-servizzi ta' akkwist, l-S2R JU tistipula baġit kuntrattwali massimu, li ma jidhirx li hu bbażat fuq proċess ta' stima ta' nfiq u fuq sistema raġonevoli ta' referenza tal-prezz tas-suq; jitlob lill-S2R JU ddaħħal fis-seħħ proċessi ta' stima ta' nfiq adegwati qabel tnedi proċeduri ta' akkwist sabiex tiżgura l-kosteffettività tal-kuntratti tas-servizz pluriennali tagħha, billi l-esperjenza tindika li l-parti l-kbira tal-offerti riċevuti kienu qrib li jilhq u l-baġit massimu;
9. Jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2016, kienu mtlew sbatax-il post għal persunal statutorju; jiddispjaċih li l-S2R JU kellha tirrikorri għal appoġġ estern biex timla' n-nuqqas ta' persunal matul il-proċess ta' reklutaġġ, sabiex tkun tista' tlaħħaq mal-ammont ta' xogħol, u li l-pagamenti għal dawn is-servizzi esterni ma sarux fl-2016; jitlob lill-S2R JU tipprovdi informazzjoni dwar dawn l-ispejjeż;
10. Jissottolinja l-fatt li r-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur ferrovjarju huma deċiżivi għall-iżvilupp ta' settur ferrovjarju sigur u globalment kompetittiv u jwettqu rwol importanti biex jiksbu tnaqqis sinifikanti fl-ispiża taċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistema ta' trasport ferrovjarju u biex jiksbu żidiet sinifikanti fil-kapaċitajiet tas-sistema ta' trasport ferrovjarju, f'termini ta' affidabbiltà u puntwalità, kif ukoll biex ineħħu l-bqija tal-ostakoli tekniċi għall-interoperabbiltà u jnaqqsu l-esternalitajiet negattivi relatati mat-trasport; jenfasizza wkoll li l-oġġettivi tal-S2R JU huma li tikseb Żona Ferrovjarja Unika Ewropea u li ssaħħaħ l-attraenza u l-kompetittività tas-settur ferrovjarju Ewropew;
11. Ifakkar li r-riċerka u l-innovazzjoni mhuwiex proċess iżolat li juża regola sempliċi għall-ġestjoni tal-proċess; jišhaq għalhekk li huwa ta' importanza sinifikanti li jiġu identifikati, fost il-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni, daww il-proġetti li jistgħu isibu soluzzjonijiet innovattivi għas-suq; jenfasizza li l-bidliet fir-Regolament li jistabbilixxi l-S2R JU u fl-Istatuti tiegħu ser ikunu ta' importanza kbira għall-iżvilupp tal-S2R JU li jmiss bil-għan li jtejbu l-effiċjenza tagħha; jišhaq, b'mod partikolari, li hemm bżonn li jiġi previst l-użu tal-prinċipju ta' finanzjament pluriennali u li jiġu adottati skedi ta' żmien flessibbli għall-ippubblikar ta' proposti ta' proġetti;
12. Jinsisti dwar l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-S2R JU u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA); jilqa' l-parteċipazzjoni tal-ERA fil-laqgħat tal-bord governattiv tal-impriża konġunta; jitlob lill-S2R JU sabiex fir-rapport ta' attività annwali tagħha tipprovdi informazzjoni aktar konkreta dwar il-kisbiet ewlenin ta' din il-kooperazzjoni;
13. Jieħu nota tal-fatt li, matul l-ewwel xhur sa minn meta saret awtonoma, l-S2R JU bdiet ftit ħidma esploratorja biex tikkunsidra kif tuża l-attivitajiet ippjanati fi programmi u

f'fondi oħrajn tal-Unjoni, fir-rigward tas-settur ferrovjarju, partikolarment, il-FEIS, il-fond Reġjonali u ta' Koeżjoni, u li l-S2R JU beħsiebha tiżviluppa aktar din l-attività; jirrikjedi li l-S2R JU tippovdi dettalji dwar kif beħsiebha tiżviluppa sinerġiji bejn daww l-attivitajiet u dwar x'inhuma r-riżultati mistennija;

14. Jissottolinja li l-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni għandhom jiġu segwiti minn Livell ta' Tħejjija Teknoloġika (TRL) oġhla fil-fażi ta' dimostrazzjoni u ta' implimentazzjoni; jišhaq fuq il-fatt li l-bżonn ta' finanzjament komplementari bl-użu tal-istrumenti ta' finanzjament rilevanti huwa essenzjali għall-ħolqien ta' sistema ferrovjarja kompetittiva fil-futur;
15. Jipproponi li l-Parlament jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-S2R JU għas-sena finanzjarja 2016.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	20.2.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 39 -: 3 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Daniela Aiuto, Lucy Anderson, Marie-Christine Arnautu, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Deirdre Clune, Michael Cramer, Luis de Grandes Pascual, Andor Deli, Isabella De Monte, Ismail Ertug, Jacqueline Foster, Dieter-Lebrecht Koch, Miltiadis Kyrkos, Bogusław Liberadzki, Marian-Jean Marinescu, Renaud Muselier, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Gabriele Preuß, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Dominique Riquet, Massimiliano Salini, Claudia Schmidt, Jill Seymour, Keith Taylor, Pavel Telička, István Ujhelyi, Wim van de Camp, Marie-Pierre Vieu, Janusz Zemke, Roberts Zīle, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Jakop Dalunde, Michael Detjen, Markus Ferber, Maria Grapini, Rolandas Paksas, Jozo Radoš, Evžen Tošenovský, Henna Virkkunen
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Olle Ludvigsson

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT MITLUB JAGĦTI OPINJONI**

39	+
ALDE	Izaskun Bilbao Barandica, Jozo Radoš, Dominique Riquet, Pavel Telička
ECR	Tomasz Piotr Poręba, Evžen Tošenovský, Roberts Zīle
EFDD	Daniela Aiuto, Rolandas Paksas
GUE/NGL	Marie-Pierre Vieu
PPE	Georges Bach, Deirdre Clune, Andor Deli, Markus Ferber, Dieter-Lebrecht Koch, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Renaud Muselier, Markus Pieper, Massimiliano Salini, Claudia Schmidt, Henna Virkkunen, Luis de Grandes Pascual, Wim van de Camp
S&D	Lucy Anderson, Isabella De Monte, Michael Detjen, Ismail Ertug, Maria Grapini, Miltiadis Kyrkos, Bogusław Liberadzki, Olle Ludvigsson, Gabriele Preuß, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, István Ujhelyi, Janusz Zemke
Verts/ALE	Michael Cramer, Jakop Dalunde, Keith Taylor

3	-
ECR	Jacqueline Foster
EFDD	Jill Seymour
ENF	Marie-Christine Arnautu

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni